**MALTA**
**TRIBUNAL TA' REVIZJONI AMMINISTRATTIVA**
**MAGISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**8 ta' Ottubru 2018**

**Rikors Numru 75/2017**

**Mark Farrugia**

**Vs**

**Kummissarju tal-Pulizija**

## It-Tribunal,

Ra r-rikors ta' **Mark Farrugia** pprezentat fid-29 ta' Diċembru 2017 li permezz tiegħu ppremetta s-segwenti:-

"

1. *Illi l-Kummissarju tal-Pulizija permezz ta' ittra datata 18 ta' Dicembru 2017 informa lill-rikorrenti li t-talba tieghu ghal-licenza ta' Gwardjan Lokali giet michuda u dan skond dak li hemm mahsub fl-artikolu 10(b) tal-Att dwar Gwardjani Privati u Lokali tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta;*

2. *Illi huwa gie infurmat ukoll li jekk ir-rikorrenti jidhirlu li ma kienx hemm lok ghar-rifjut tal-licenza tieghu, bl-istess ligi huwa kellu d-dritt li iressaq s-sottomissjonijiet b'rikors quddiem dan it-Tribunal u dan skond id-disposizzjonijiet ta' l-artikolu 17 ta' l-istess Att hawn fuq citat;*

3. *Illi l-rikorrenti hassu aggravat bir-rifjut tal-Kummissarju tal-Pulziija sabiex tinhareg lilu licenza ta' Gwardjan Lokali u umilment qieghed iressaq dan ir-rikors;*

4. *Illi fil-fatti ta dan il-kaz huma semplici hafna;*

5. *Illi r-rikorrenti wara li attenda kors appozitu applika sabiex tinhariglu l-licenza ta' Gwardjan Lokali. Sabiex ghamel dan huwa issottometta d-dokumenti kollha mehtiega u mitluba sabiex tigi accettata l-applikazzjoni tieghu. Jidher pero li l-Kummissarju tal-Pulizija irrifjuta l-applikazzjoni tieghu fl-interess pubbliku;*

6. *Illi l-aggravju f'dan il-kaz huwa semplici;*

7. *Illi l-applikazzjoni ghal-licenzja ta' Gwardjan Lokali tar-rikorrenti tidher li giet rifjutata skond dak li hemm mahsub fl-Artikolu 10(b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta ossija fl-interess pubbliku;*

8. *Illi pero l-Kummissarju tal-Pulizija naqas li jaghti x'kienu ragunijiet tieghu li waslu li jirrifjuta l-licenzja tar-rikorrenti fl-interess pubbliku;*

9. *Illi sabiex l-esponenti ikun jista' jipprevalixxi ruhhu mid-dritt tieghu li jaghmel s-sottomissjonijiet adegwati quddiem dan it-Tribunal ovjament irid ikun jaf u jigi moghti r-ragunijiet li waslu lill-intimat sabiex jasal ghal konkluzzjoni li l-licenzja ghanda tigi rifjutata fl-interess pubbliku;*

10. *Illi minghajr preguddizju ghal dan l-esponenti ma jistax jifhem ghalfejn huwa fl-interess pubbliku li huwa ma ikollux licenzja ta' Gwardjan Lokali;*

11. *Illi ghalhekk jidher car li l-Kummissarju tal-Pulzija ma kienx gustifikat fic-cahda tal-licenzja tar-rikorrenti;*

*Ghal dawn ir-ragunijiet, ir-rikorrenti qieghed umilment jitlob sabiex dan it-Tribunal ihassar id-decizjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrifjuta it-talba tar-rikorrenti ghal-licenzja ta' Gwardjan Lokali u fic-cirkostanzi jaghti dawk il-provedimenti li dan it-Tribunal ihoss li ikunu opportuni inkluz l-ordni lill-Kummissarju tal-Pulziija li johrog il-licenzja ta' Gwardjan Lokali tar-rikorrenti."*

Ra r-risposta tal-**<u>Kummissarju tal-Pulizija</u>** pprezentata fit-18 ta' Jannar 2018 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:-

"

1. *Fl-ewwel lok u preliminarjament, l-esponent jixtieq jiġbed l-attenzjoni li sa llum, għadha ma saret l-ebda notifika ta' dan ir-rikors lill-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali, skont kif jitlob* ***is-subartikolu 3 tal-Artikolu 181B tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta****. Għaldaqstant, għalkemm il-Kummissarju tal-Pulizija ġie notifikat fil-5 ta' Jannar 2018, it-terminu ta' għoxrin (20) jum skont is-subartikolu li għadu kif saret referenza għalieh f'dan il-paragrafu, għadu ma bediex jiddekorri ġialadarba ma saritx tali notifika.*

2. *L-esponent sejjer bil-preżenti risposta jwieġeb għar-rikors preżentat minn Mark Farrugia li permezz tiegħu talab lil dan l-Onorabli Tribunal sabiex iħassar id-deċiżjoni tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn irrifjuta t-talba tar-rikorrent għal-liċenzja ta' gwardjan lokali u jordna lill-Kummissarju tal-Pulizija biex joħroġ il-liċenzja ta' gwardjan lokali favur ir-rikorrent.*

3. *L-esponent jeċċepixxi li l-allegazzjonijiet kollha tar-rikorrent huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' dan ir-rikors.*

4. *L-appellant fl-appell tiegħu jressaq żewġ ilmenti; l-ewwel ilment hu li l-Kummissarju tal-Pulizija ma ta' l-ebda raġuni għad-deċiżjoni tiegħu meta' rrifjuta l-applikazzjoni tal-appellant għal Gwardjan Lokali; u t-tieni lment hu li l-appellant*

*iħoss li ma hemm xejn li jista' jkun ta' preġudizzju għall-*interess pubbliku jekk *jingħata l-liċenzja ta' gwardjan lokali.*

5. *Dwar l-ewwel ilment, l-esponent jirreferi għall-***artikolu 11 tal-*Kap 389*** *li jgħid li f'każ ta' rifjut taħt* **l-artikolu 10(b)**, *(l-artikolu li jagħti d-dritt lil Kummissarju tal-Pulizija biex jirrifjuta applikazzjoni fl-interess pubbliku), m'hemmx għalfejn jingħataw raġunijiet dettaljati iżda 'ikun biżżejjed li jiddikjara li l-liċenza tkun ġiet rifjutata fl-interess pubbliku. Fil-fatt il-Kummissarju, informa d-deċiżjoni tiegħu permezz ta' ittra datat 18 ta' Diċembru 2018* ***(annessa ma' din it-tweġiba u mmarkata KP1)*** *fejn qal li "it-talba tiegħak qed tiġi miċħuda skont dak li hemm maħsub fl-*artikolu 10(b) (fl-interess pubbliku) tal-Kap 389 tal-Ligijiet ta' Malta*". Dan jimplika li ma kien hemm l-ebda' żball jew nuqqas min-naħa tal-Kummissarju tal-Pulizija meta nforma lil-esponent bir-rifjut u ma niżżilx id-*dettalji li sawru id-*deċiżjoni tiegħu għax tali proċedura kienet in konfromi mal-liġi.*

6. *Rigward it-tieni ilment tar-rikorrent, fejn fl-opinioni tiegħu, ma hemm xejn min naħa tiegħu li jista jkun ta' pregudizzju għall-*interess pubbliku, l-esponent jirreferi *għal* **l-artikolu 10(b) tal-*Kap 389*** *fejn jiprovdi li l-Kummissarju* ***"għandu jirrifjutra"*** *applikazzjoni għall-liċenzja ta' gwardjan lokali meta, fl-opinioni tiegħu, din tkun ta' theddida għall-*interess pubbliku.

7. *Hekk kif ġie spjegat fis-*sentenza *fl-ismijiet* ***Darren Brincat vs Kummissarju tal-Pulizija (Rik. No 97/2014 deċiża 15 ta' Jannar 2016),*** *"minħabba n-*natura *tas-servizzi li jistgħu jiġu pprestati minn gwardjan privati jew lokali huwa liġiku u leġġittimu li fl-għoti ta' tali liċenzja l-Kummissarju intimat jagħmel evalwazzjoni appożita wara li jieħu kont tal-fedia penali ta' l-applikant". Fil-fatt, meta il-Kummissarju tal-Pulizija jiġi biex iqis jekk għandux joħroġ il-liċenzja jew le, huwa jħares lejn il-fedina penali tal-applikant u jara jekk mir-reati li wettaq ikunx fl-*interess pubbliku *li wieħed jingħata l-liċenzja biex jaħdem ta' gwardjan lokali.*

8. *L-istess sentenza li saret referenza għalija fil-paragrafu preċedenti tirreferi ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Raymond Pace et (deċiża mill-Qorti ta' L-Appell Kriminali fil-11 ta' Deċembru 2008),*** *fejn dik il-Qorti osservat illi hemm ċerti xoghlijiet bħal dawk tal-professjonijiet li jinkludu tobba, avukati u spiżjara kif ukoll okkupazzjonijiet oħra bhal dawk ta gwardjani lokali u privati li jirrikjedu li dik il-persuna li tipprattika dawn il-professjonijiet jew okkupazzjonijiet tkun ta'* kondotta *tajba.*

9. *Fil-każ preżenti, il-fedina penali tar-rikorrent hija pjutost mimlija b'reati mwettqa fuq firxa ta' snin u li jinkludu, fost oħrajn, użu u traffikar ta' droga u saħansitra li kien reċediv. Għalhekk, il-Kummissarju ħass li kien fl-*interess pubbliku *li jirrifjuta il-liċenzja tar-rikorrent għal-*gwardjan lokali.

10. *Dan jimplika li t-tieni lment tar-rikorrent, fejn jgħid li ma hemm xejn li jista' jkun ta' preġudizzju għall-*interess pubbliku *jekk jingħata il-liċenzja ta' gwardjan lokali, ma jreġġiex. L-esponent isostni illi kien hemm raġuni valida u b'saħħita għaliex il-Kummissarju tal-Pulizija rrifjuta l-applikazzjoni tar-rikorrent għal gwardjan lokali u dan kif ser jiġi muri fil-mori ta' din il-kawża.*

11. *Fid-dawl ta' dan kollu, il-Kummissarju tal-Pulizija dehrlu ġustament illi kellu jirrifjuta l-ħruġ ta' liċenzja ta' gwardjan lokali ai* ***termini tal-Artikoli 10(b) (interess pubbliku) tal-Kap 389 tal-Liġijiet ta' Malta. "***

Ra id-dokumenti esebiti;

Sema' x-xhieda tal-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi, tar-rikorrent u tal-Ispettur Sarah Magri;

Sema' t-trattazzjoni tad-difensur tal-Kummissarju tal-Pulizija;

Ra n-nota ta' sottomissjonijiet tar-rikorrent;

Ra li r-rikors thalla ghal-lum ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Illi r-rikorrent hassu aggravat b'decizjoni tal-Kummissarju intimat komunikata lilu permezz ta' ittra datata 18 ta' Dicembru 2017 li permezz taghha gie mgharraf bis-segwenti:-

*"B'referenza ghall-applikazzjoni tieghek ghal-licenzja ta' Gwardjan Lokali ghandi ninfurmak, illi t-talba tieghek qed tigi michuda skond dak li hemm mahsub, fl-Artikolu 10 (b) (fl-interess pubbliku) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta, (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali)."*

Illi artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 389 tal-Ligijiet ta' Malta (Att Dwar Gwardjani Privati u Lokali)[1] jghid is-segwenti:-

*Il-Kummissarju għandu jirrifjuta applikazzjoni f'kull waħda miċ-ċirkostanzi li ġejjin:*

*(b)* ***meta dan jikkunsidra li jkun fl-interess pubbliku li jirrifjuta dik il-liċenza****;"*

Illi mill-fedina penali esebita bhala Dok SZA1 a fol. 25 *et seq.* tal-process jirrizulta illi r-rikorrent kellu s-segwenti sentenzi fil-konfront tieghu u cioe`:-

1. Fis-sena 1994 tliet (3) sentenzi dwar pussess tad-droga eroina fl-istess sena;
2. Fis-sena 2010 sentenza dwar serq semplici minn diversi hwienet fl-istess sena;
3. Fis-sena 2011 sentenza dwar pussess tad-droga eroina fis-sena 2010;
4. Fis-sena 2012 sentenza dwar pussess tad-droga eroina fis-sena 2010.

[1] Illum dan l-Att gie emendat permezz tal-Att XIV tal-2018 u huwa maghruf bhala Att Dwar Gwardjani Privati u Ufficjali tal-Komunita`

**L-Ispettur Sylvana Zrinzo Azzopardi** xehdet illi abbazi ta' dawn is-sentenzi l-Kummissarju tal-Pulizija hass li l-licenzja *de quo* ma tistghax tigi approvata ai termini tal-artikolu 10 (b) tal-Kapitolu 399 tal-Ligijiet ta' Malta u dan peress li l-akkuzi fil-konfront tar-rikorrent juru li mhux ta' karattru affidabli minhabba x-xorta ta' reati li wettaq u l-kwalita` ta' xoghol li hu applika ghalih.

**L-Ispettur Sarah Magri** xehdet illi wara kull applikazzjoni bhal dik tar-rikorrent isir *vetting* u f'dan il-kaz irrizulta illi r-rikorrenti kien ikkommetta reati relatati mal-problema ta' pussess ta' droga. Mistoqsija jekk il-Kummissarju intimat jindagax jekk il-persuna koncernata tkunx ghamlet xi progress f'hajjitha bhal perezempju li qata' l-vizzju, ix-xhud wiegbet li ma ssirx din it-tip ta' investigazzjoni. Lanqas ma jaghmlu intervista mal-applikant.

Illi **r-rikorrent** xehed illi minkejja li fil-passat kellu problemi bid-dipendenza fuq id-droga illum il-gurnata tajjeb hafna u ghandu rekord ta' sena li huwa *clean*. Jispjega li huwa rnexxielu jieqaf mill-vizzju wahdu pero` ghadu jiehu l-mistura, pero` anke din waslet biex jaqtaghha. Huwa esebixxa diversi dokumenti minn fejn jirrizulta s-segwenti u cioe`:-

1. Dikjarazzjoni datata 10 ta' Marzu 2018 minghand Rita Cortis, *Senior Social Worker* fis-*Substance Misuse Treatment Unit*, fejn tispjega illi r-rikorrent hadem hafna fuq il-problema tad-droga u li llum il-gurnata huwa *drug free* u li dejjem irsista biex ikollu xoghol *full time*, apparti wkoll li jzomm ruhu attiv sportivament;
2. Mill-*employment history* jirrizulta illi r-rikorrent dejjem kien ingaggat f'impjieg regolari ad ecezzjoni ta' cirka sena u nofs bejn l-1994 u 1996. Dan jikkombaca mal-perjodu meta kellu tliet (3) sentenzi fil-konfront tieghu dwar pussess tad-droga eroina;
3. Dikjarazzjoni datata 10 ta' Mazu 2018 ta' Dr. Antoine Ellul, *Medical Officer* fis-*Substance Misuse Unit*, fejn jispjega illi r-rikorrent wera progress konsiderevoli fir-rijabilitazzjoni tieghu mid-dipendenza tal-eroina. Jispjega wkoll illi x-xoghol tieghu ta' gwardjan lokali ifisser hafna ghalih u jghinu fil-kura tieghu;
4. Ittra ta' rakkomandazzjoni datata 17 ta' Mejju 2018 minn Carmen James, *HR Manager* mad-ditta Managing Consulting Service Industry Limited, fejn ir-rikorrent kien jahdem bhala *janitor* mis-sena 2011 sas-sena 2017, li fiha tiddikjara illi r-rikorrent kien "*hardworking, honest and conscientious in the performance of his duties*".

5. E-mail mibghuta fis-17 ta' April 2018 mill-Perit Eric Gerardi ghan-nom tal-GHRC plc. indirizzata lil certu Mariella Cutajar jinfurmaha illi r-rikorrent u gwadjan lokali ohra kienu mehtiega sabiex ikomplu jaghtu s-servizz taghhom fi Pjazza Tritoni u li l-istess gwardjani kienu qeghdin jaghmlu xogholhom fis-sens li l-pubbliku jkun sigur u li ma ssirx hsara lill-pjazza.

In kontro-ezami r-rikorrent jistqarr illi l-ahhar darba li ha d-droga kien sentejn ilu pero` kien ilu assistit minn ghajnuna medika u *social worker* ghal sitt snin. Jispjega wkoll li kien ghad baqaghlu l-ahhar ftit gimghat fil-kura u mbaghad jieqaf.

**Ikkunsidra:**

Illi ghalhekk wara li t-Tribunal ghamel riassunt tal-fatti kifipprezentati quddiemu, imiss li jezamina jekk id-decizjoni mehuda mill-Kummissarju intimat, u cioe` kienx gustifikat jichad l-ghoti tal-licenzja ta' gwardjan lokali lir-rikorrent abbazi tal-fatt li l-ghoti ta' tali licenzja ma kinitx fl-interess pubbliku.

Illi jirrizulta illi r-rikorrent wettaq reati kollha relatati mal-pussess tad-droga eroina, ghaliex fl-opinjoni ta' din il-Qorti anke s-serq semplici kien relatat mal-istess vizzju. Illi dawn ir-reati twettqu fuq medda ta' snin, u cioe`, tlieta minnhom fl-1994 u tlieta (3) ohra fl-2010. Jirrizulta wkoll mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent illi huwa kellu l-volonta` li jeghleb il-vizzju tad-droga u meta xehed fl-4 ta' Gunju 2018 kien ghad fadallu biss ftit gimghat biex jaqta' l-mistura tad-Detox.

Illi t-Tribunal josserva illi meta l-Kummissarju intimat ikollu kaz bhal dak odjern huwa tabilfors irid jezercita d-diskrezzjoni tieghu dwar kif se jzomm bilanc bejn l-interess pubbliku u d-dritt li l-applikant jezercita l-professjoni ta' gwardjan lokali. Illi l-awtur Ingliz **HWR Wade** fil-ktieb tieghu "**Administrative Law**" jikkumenta hekk:

*"A person in whom is vested a discretion must exercise his discretion upon reasonable grounds. A discretion does not empower a man to do what he likes merely because he is intended to do so – he must not in the exercise of his discretion do what he likes but that he ought. In other words, he must by the use of his reason ascertain and follow the course which reason directs. He must act reasonably."*

L-istess awtur ikompli jikkummenta –

*"...virtually all administrative decisions are rational in the sense that they are given for intelligible reasons but the question then is whether they measure up to the legal*

*standard of reasonableness … within the bounds of legal reasonableness is the area in which the deciding authority has genuinely free discretion. If it passes those bounds, it acts ultra vires*."

Illi minhabba n-natura tas-servizzi li jistghu jigu prestati minn Gwardjan Lokali[2] huwa logiku u legittimu li fl-ghoti u t-tigdid ta' tali licenzji jigi kkunsidrat l-aspett ta' l-interess pubbliku u li decizjoni moghtija fil-kamp kriminali fir-rigward ta' applikant timpingi fuq tali konsiderazzjoni u hu necessarju li jkun hemm evalwazzjoni appozita jekk l-applikant hux persuna idonea *o meno* ghal tali posizzjoni mill-awtorità regolatrici koncernata, f'dan il-kaz il-Kummissarju tal-Pulizija.

Illi hawnhekk tidhol il-kwistjoni tar-ragonevolezza u tar-rilevanza ta' decizjoni amministrattiva. Maghhom necessarjament tidhol bilfors il-kwistjoni tad-diskrezzjoni li l-ligi taghti lill-awtorita` partikolari biex tasal ghad-decizjoni taghha. B'diskrezzjoni wiehed jifhem is-setgha li wiehed jaghzel bejn diversi toroq ta' azzjoni. Illi, pero`, persuna fdata b'din id-diskrezzjoni trid twettaq id-decizjoni taghha b'mod ragonevoli, b'ekwita` u haqq[3] u minghajr abbuz ta' dik l-istess diskrezzjoni.

Illi issa, mid-dokumenti esebiti, jirrizulta illi r-rikorrent xellef difrejh mal-gustizzja f'diversi okkazjonijiet minhabba l-vizzju tad-droga. Illi ghalhekk dan it-Tribunal irid jezamina jekk it-twettiq tar-reati fuq citati humiex raguni valida biex il-Kummissarju intimat jirrifjuta l-hrug tal-licenzja *de quo*.

Illi dan it-Tribunal kellu l-opportunita` jgharbel id-deposizzjoni tal-Ispettur Sarah Magri fejn stqarret illi r-rifjut hareg abbazi tal-fedina penali tar-rikorrent. Dan it-Tribunal japprezza li l-Kummissarju intimat ghandu bicca xoghol difficli biex iwiezen l-interess pubbliku u d-dritt tal-individwu li jikseb il-licenzja *de quo*, bhal ma' *del resto* ghandu dan it-Tribunal meta jigi biex jirrevedi l-istess decizjoni, pero` fl-opinjoni tieghu, specjalment f'kazijiet ta' dipendenza fuq id-droga, il-Kummissarju intimat ghandu jmur pass ulterjuri. Fil-kaz in ezami l-ahhar sentenza fil-konfront tar-rikorrent nghatat fis-sena 2012 u allura ghaddew ben hames snin bejnha u bejn is-sottomissjoni tal-applikazzjoni odjerna. Illi bniedem dipendenti, jekk juri li verament irid jitlaq mit-triq li qabad, u juri dan b'mod prattiku u pozittiv,

---

2 "servizzi ta' ufficjal tal-komunita`" skond artikolu 2 tal-Kapitolu 389 tfisser: *servizzi ta' uffiċjali tal-komunità" tfisser dawk is-servizzi li jistgħu jkunu meħtieġa minn Kunsilli Lokali fil-qadi ta' dmirijiethom u tar-responsabbiltajiet tagħhom biex jikkontrollaw, jirregolaw u jinfurzaw bye-laws , u tinkludi l-provvista ta' servizzi biex ikun ikkontrollat aċċess u moviment minn nies jew vetturi, b'mod ġenerali jew f'okkażjonijiet partikolari u l-provvista ta' servizzi simili minn uffiċjal tal-komunità sew li jkun liebes uniformi sew jekk pajżan.*

3 Masini noe vs Podesta` noe (Appell Civili 21.4.1961 Kollez. Vol.XLV.i.110)

m'ghandux ghalfejn jibqa' bit-tabella ta' "ikkundannat" mis-socjeta`, u iktar minn hekk mill-awtoritajiet tal-pajjiz. Jekk naghmlu hekk ikun inutili li min-naha wahda nfasslu ligijiet biex persuna bhar-rikorrent jirrabilitaw rwiehhom u mbaghad meta jirnexxilhom, bi tbatija kbira, jilhqu dan il-ghan jergghu isibu ma' wicchom bibien maghluqa ghaliex fil-passat huma kienu dipendenti.

Illi mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrent it-Tribunal huwa lest li jaghti cans lir-rikorrent ikompli b'hajtu, anke ghaliex mill-istess dokumenti jirrizulta illi r-rikorrent huwa bniedem biezel u li jrid li hajtu tkompli b'mod pozittiv. Illi t-Tribunal jifhem li l-Kummissarju intimat ghandu diversi dmirijiet oneruzi, pero`, ladarba huwa r-regolatur f'dan is-settur irid jara li fit-Taqsima fejn johorgu dawn it-tip ta' licenzji ikun hemm bizzejjed rizorsi biex il-*vetting* li jsir ikun wiehed li jaghmel gustizzja mal-applikanti u dan billi, fost affarijiet ohra, f'kazijiet simili imqar jintervista lill-applikant halli jiehu *feedback* ta' x'gara fis-snin ta' bejn l-ahhar kundanna u llum il-gurnata. Filwaqt li certu kazijiet gravi ikunu jitkellmu wehidhom, kazijiet bhal dak odjern kien xieraq li l-Kummissarju intimat ma jieqafx biss fuq il-fedina penali tar-rikorrent u johrog ir-rifjut.

Ghaldaqstant it-Tribunal ihoss li r-raguni tar-rifjut tal-Kummissarju intimat ma hix wahda gusta u ragjonevoli fic-cirkostanzi u ghaldaqstant din ghandha tigi rikonsidrata fid-dawl ta' dak hawn fuq enuncjat.

Finalment jigi rilevat illi t-talba tar-rikorrent sabiex dan it-Tribunal jordna lill-Kummissarju intimat sabiex johrog licenzja lir-rikorrent ma tistghax tigi milqugha stante li l-poteri tieghu huma biss dawk ta' revizjoni u ma jistghax jordna lill-Kummissarju intimat sabiex jikkoncedilu l-licenzja ta' gwardjan lokali. Tali eghmil huwa biss setgha li l-ligi taghti lill-Kummissarju intimat. Sta issa ghall-istess Kummissarju li fid-dawl ta' din is-sentenza jirrevedi l-istess decizjoni. Fil-fatt il-Qorti tal-Appell fis-sentenza taghha tal-11 ta` Mejju 2010 fil-kawza fl-ismijiet ***Reginald Fava pro et noe vs Supretendent tas-Sahha Pubblika noe et*** kienet tassew cara fuq dan il-punt meta qalet:

"*F'kaz li l-qrati ordinarji jigu mitluba jistharrgu ghemil amministrattiv, il-kompetenza taghhom hi limitata biex tordna li tittiehed decizjoni jew biex thassar dik l-istess decizjoni, pero ma jaslu qatt biex huma stess jiehdu d-decizjoni flok l-awtorita` kompetenti. Jekk ligi tvesti diskrezzjoni f'xi awtorita`, hija dik l-awtorita li trid tuza dik id-diskrezzjoni u tiehu d-decizjoni; jekk id-decizjoni li tittiehed tigi mhassra, il-kwistjoni tigi rimessa mill-gdid lill-awtorita biex dik tiehu d-decizjoni taghha kif suppost u fit-terminu tal-kunsiderazzjonijiet kollha rilevanti. Jekk l-awtorita ma tiehux*

*decizjoni tista' tigi mgieghla taghmel dan, u jista' jigi indikat lilha li r-ragunijiet ghaliex kienet qed tittituba milli tiehu decizjoni ma kienux relevanti; pero finalment hija dik l-awtorita li trid tiehu d-decizjoni mhux il-Qorti. Hekk fil-kawza '***Grech vs Ministru tax-Xoghlijiet et***' deciza minn din il-Qorti (diversament komposta) fid-29 ta' Jannar 1996 intqal illi:*
*"... il-Qrati fil-funzjoni taghhom ta' judicial review tal-operat tal-Ezekuttiv ghandhom iva d-dritt li jiddeciedu li att partikolari tal-Ezekuttiv ikun null u bla effett izda m'ghandhom qatt id-dritt li jissostitwixxu d-diskrezzjoni rizervata lill-Ezekuttiv b'dik taghhom."*
*Hekk ukoll fil-kaz aktar ricenti '***Borda vs Ellul Micallef***' deciza minn din il-Qorti fid-29 ta' Mejju 2009 gie osservat li, filwaqt li dawn il-qrati jistghu jissindikaw l-operat ta' kwalsiasi tribunal amministrattiv jew organu iehor b'poteri gudizzjarji jew kwazi-gudizzjarji, u li l-awtorita` li hija moghnija b'diskrezzjoni tista' tigi ordnata tezercita dik id-diskrezzjoni f'kaz li tkun naqset li taghmel dan, l-istess awtorita ma tistax tigi dettata x'ghandha tiddeciedi jew li twettaqha b'xi mod partikolari (ara wkoll Borg noe vs Gvernatur tal-Bank Centrali ta' Malta, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Marzu 2007)."*

**DECIDE**

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet hawn fuq esposti, it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' l-appell tar-rikorrent mid-decizjoni tal-Kummissarju intimat datata 18 ta' Dicembru 2017 fit-termini hawn fuq enuncjati u cioe` qieghed limitatament jirrevoka u jhassar l-istess decizjoni, u konsegwentement jichad l-eccezzjonijiet tal-Kummissarju intimat.

Bl-ispejjez ikunu a karigu tal-Kummissarju intimat.

______________________________

**Magistrat Dr. Charmaine Galea**
**President tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva**

**Diane Gatt**
**Deputat Registratur**